MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1002/1998/1

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Abdul Moiz El Kady**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ippremettiet:

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn annessi u mmarkat bhala Dok. A, il-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hames elef seba' mija u sitt liri maltin (Lm5,706) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numru 417430 (Klijent numru 255392);

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez u telephone

calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok. B;

Illi s-socjeta attrici sejhet diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont imsemmi izda dan baqa’ inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’iressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta’ attrici qeghda tannetti ma’ dan l-att Affidavit (Dok. C) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija;

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta’ attrici qed titlob li din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-ammont ta’ hames elef seba’ mija u sitt liri maltin (Lm5,706) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 417430 skond il-prospett esebit bhala Dok. B, ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Dicembru, 1997, u l-Mandat ta’ Qbid numru li qeghdin jigu pprezentati kontestwalment ma’ dan l-att tac-citazzjoni, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-imsemmija socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit tal-prokuratur legali Jean Pierre Busuttil ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ attrici

Rat id-dikriet taghha tat-2 ta’ Lulju 1998 li bih il-konvnut gie ammess biex jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa qatt ma dahal fi ftehim mas-socjeta attrici ghal hlas tas-servizz telefoniku allegatament rez mis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debtament ikkonfermata minu u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghat lix-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici.

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Konsiderazzjonijiet ta’ fatt

Is-soċjetà attriċi qed tippretendi li l-konvenut hu debitur tagħha fis-somma ta’ hamest elef seba’ mija u sitt liri maltin (Lm5,706) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numru 417430 (klijent numru - 255392). Gie preżentat il-kuntratt relattiv (dok.A - fol 5). Dan hu ftehim ta’ kera u servizz ta’ telephone iffirmat miz-zewg partijiet. Is-soċjetà tipprtendi li l-limsemmi ammont hu dovut bhala kera ghas-servizz u telefonati maghmula, kif ukoll spejjez ohra li huma specifikati ahjar fil-prospett dok. B – fol 6. Konsegwentement is-soċjetà attriċi qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imsemmi ammont in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 417430.

Da parti tiegħu il-konvenut jeccepixxi li hu mhux debitur tas-socjeta’ attrici ghal kwalunkwe servizz telefoniku allegatament rez fuq in-numru 417430, stante illi huwa qatt ma dahal fi ftehim mas-socjeta attrici ghal hlas tas-

servizz telefoniku allegament rez mis-socjeta attrici. Il-konvenut jallega li kienet is-socjeta General Trading Co. Ltd. li riedet li jkun hemm is-servizz in kwestjoni stante li x-xoghol tieghu kien jirrikjedi li jkollu access ghal telephone f’kull hin tal-gurnata. Ghalhekk il-linja tat-telephone in kwestjoni kienet intiza ghall-ahjar interess tal-imsemmija socjeta’ fil-qadi ta’ dmir il-konvenut versu l-istess socjeta’. Ghalhekk, skond il-konvenut, il-linja in kwestjoni kienet intiza biex hu jservi ahjar lill-istess socjeta’ barra mill-ufficcju sia waqt il-hinijiet normali tax-xoghol u kif ukoll barra l-istess hinijiet.

B’dikriet tal-11 ta’ Ottubru 1999 it-talba tal-konvenut għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà General Trading Company Limited giet michuda.

Konsiderazzjonijiet ta’ ligi

Il-konvenut mhux qed jikkontesta l-kont bħala valur, iżda huwa jissottometti li hu mhux responsabbli biex ihallas il-kontijiet relattivi ghas-servizz tat telephone in kwestjoni stante li dwar il-hlasijiet hu ghandu ftehim mal-imsemmija socjeta’ l-ohra.

Is-socjeta’ attrici esibit l-applikazzjoni sabiex jinghata s-servizz telefoniku in kwestjoni (fol 63) kif ukoll il-ftehim għall-installazzjoni tat-telephone (fol 5). Jirrizulta li kien il-konvenut li ffirma dawn id-dokumenti u fuq tali firma s-socjeta’ attrici ghamlet l-istallazzjoni u bdiet tipprovdi is-servizz ta telephone in kwestjoni.

Ghalhekk is-soċjeta attriċi pprovat b’mod sufficjenti li l-linja tat-telephone in kwestjoni giet istallata fuq talba tal-konvenut, li ghalhekk assuma l-obbligu li jhallas il-kontijiet ghas-servigi kollha rezi lis-socjeta’ attrici. Dak li ssottometta l-konvenut semmai, jekk ippruvat, jikkrea obbligazzjoni bejn il-konvenut u l-imsemmija socjeta’. Is-socjeta’ attrici hi estranea ghall-ftehim allegat mill-konvenut. Il-konvenut ma ressaq ebda prova ohra dwar dan il-ftehim minnu allegat. Ghal kuntrarju direttur tas-soċjetà in kwestjoni cioe’ The General Trading Company

Limited ikkonferma li n-numru tat-telefon 417430 qatt ma kellu konnessjonijiet mal-imsemmija soċjetà. .

Fil-kors ta’ dawn il-proceduri l-konvenut (seduta tal-24 ta’ Jannar 2000) qal illi ried li jippreżenta kawża biex jattakka l-validità tal-ftehim (a fol.5) u ddikjara ukoll li ried jinkariga lill-espert biex jiccertifika li l-firma fuq dan il-ftehim mhux tieghu (seduta tat-23 ta’ Mejju 2000). Nonostante varji differimenti l-konvenut ma ta’ l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar dan.

Ghalhekk jirrizulta li kienet tesisti rabta kontrattwali bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut, bħala l-utent reġistrat tas-servizz telefoniku in kwestjoni u għalhekk il-konvenut hu responsabbli għall-kontijiet relattivi. Is-soċjetà attriċi issodisfat l-oneru tal-prova tad-debitu dovut lilha mill-konvenut, filwaqt illi l-konvenut lanqas ma rnexxielux jipprova dak minnu allegat fl-eccezzjoni tiegħu.

La darba jirrizulta li r-relazzjoni guridika kienet u baqghet dejjem bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut, konsegwentement it-talbiet tas-soċjetà attriċi jimmeritaw li jigu milqugħa.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hames elef seba’ mija u sitt liri Maltin (Lm5,706) ekwivalenti għal euro tlettax il-elf mitejn u wiehed u disghin u erbghin centezmu (€13,291.40) dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 417430 u dana bl-imghaxxijhiet kollha legali mid-data tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------